Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,294, l-1 ta' Ottubru, 2002
Taqsima B

A.L. 284 ta' l-2002

ATT DWAR L-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (KAP. 352)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Bastimenti Kummerċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 28 u 29 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta, għamel dawn r-regolamenti li ġejjin: -

PRELIMINARI

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-regolamenti ta' l-2002 dwar il-Bastimenti Kummerċjali.

(2) Il-Kodiċi ta' Prattika għas-Sigurtà ta' Bastimenti Kummerċjali għandu jifforma parti minn dawn ir-regolamenti u jkun esegwibbli bħala parti mill-liġijiet ta' Malta.

Skop.

2. Dawn ir-regolamenti u l-Kodiċi ta' Prattika għandhom jirregolaw lis-sidien ta' bastimenti kummerċjali ċċertifikati biex jintużaw għal kiri jew għal rikompensa fil-portijiet, ibħra interni w ibħra territorjali ta' Malta, u l-ħtiġiet dwar is-sigurta' u l-persunal ta' dawk il-bastimenti.

Interpretazzjoni

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"Assiguratur" tfisser kumpanija ta' assigurazzjoni mwaqqfa skond id-disposizzjonijiet kif ordnat fil-Liġijiet ta' Malta;

"Awtorità" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta kif imwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta; Kap. 352.

"Awtorità Ċerifikanti" tfisser l-Awtorità Marittima ta' Malta jew persuna oħra awtorizzata minnha;

"Barklor ta' Bastiment Kummerċjali" tfisser persuna li jkollha ċertifikat validu maħruġ mid-Direttur skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi ta' Prattika;

A.L. 1 ta' l-1996.

"Barkun tal-*Bunkers*" għandha l-istess tifsira bhal dik mogħtija fir-regolamenti ta' l-1996 dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluži, *Terminals* u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*;

"Bastiment Kummerċjali" tfisser bastiment li jintuża jew li hu maħsub li jintuża f'xi negozju, kummerċ jew li joffri jew jingħata għal kiri jew għal rikompensa fil-portijiet, ibħra interni u ibħra territorjali ta' Malta; għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u tal-Kodiċi ta' Prattika kemm-il darba mhux espressament provdut mod ieħor il-kelma "bastiment" għandha l-istess tifsira bhal bastiment kummerċjali;

"Bastiment Kummerċjali Ġdid" tfisser bastiment li għalih japplikaw dawn ir-regolamenti, li l-prim tiegħu tqiegħed jew il-bini jew strutturar inbeda fid-data jew wara d-data meta dawn ir-regolamenti jkunu daħlu fis-seħħ, jew bastiment li jeżisti li mhux diġà bastiment li għalih japplikaw dawn ir-regolamenti, iżda miksub u propost li jintuża mill-ġdid bħala bastiment ġdid f'dik id-data jew wara dik id-data;

"Bastiment Kummerċjali li jeżisti" tfisser bastiment li mhux bastiment ġdid;

"Bastiment mhux taħt Konvenzjoni" tfisser bastiment li mhux bastiment taħt konvenzjoni;

"Bastiment tad-divertiment" tfisser kull vapur li jintuża esklużivament għal:

(a) skopijiet ta' divertiment ħlief għall-ġarr ta' passiġġieri fuq dawriet ta' postijiet ta' interess bejn u fil-portijiet, l-ibħra interni u dawk territorjali; jew

(b) l-użu li għalih passiġġier, jekk ikun hemm, ma jridx iħallas tariffa separata u distinta;

"Bastiment taħt Konvenzjoni" tfisser bastiment li minħabba fit-tunnellaġġ li jkollu, l-użu jew id-daqs tiegħu, ikun jaqa', jekk dan ikun qed jaħdem f'ibħra internazzjonali jew fi vjaġġi internazzjonali, taħt il-ħtigiet tal-Konvenzjonijiet ta' l-OMI, jew ta' xi parti minnhom, li Malta taderixxi għalihom;

"*Boatmaster* ta' Bastiment Kummerċjali" tfisser persuna li jkollha ċertifikat validu maħruġ mid-Direttur skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi ta' Prattika;

"*Bunkers*" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-regolamenti ta' l-1996 dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluż, *Terminals* u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*; A.L. 1 ta' l-1996.

"Ċertifikat ta' Apparat tas-Sigurtà ta' Bastiment Kummerċjali tal-Merkanzija'' tfisser ċertifikat maħruġ mid-Direttur taħt id-disposizzjonijiet rilevanti kif ordnat fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Ċertifikat ta' Assigurazzjoni" tfisser ċertifikat ta' assigurazzjoni maħruġ minn assiguratur taħt id-disposizzjonijiet rilevanti kif ordnat fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Ċertifikat ta' Bastiment Kummerċjali'' tfisser ċertifikat validu għal żmien speċifiku, maħruġ mid-Direttur skond dawn ir-regolamenti, skond stħarriġ li jsir minn surveyor (perit) jew għaqda rikonoxxuta mill-Awtorità, li jkun juri li fil-waqt ta' l-istħarriġ, il-bastiment ikun instab li jikkonforma mal-ħtiġiet rilevanti kollha tal-Kodiċi ta' Prattika;

"Ċertifikat ta' *Freeboard* ta' Bastiment Kummerċjali'' tfisser ċertifikat maħruġ mid-Direttur taħt id-disposizzjonijiet rilevanti kif ordnat fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Ċertifikat ta' Kompetenza" tfisser kwalifika maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u limitata għal servizz fuq bastimenti kummerċjali li jkunu qed joperaw f'portijiet Maltin u fl-ibħra interni jew territorjali;

"Ċertifikat ta' Prevenzjoni tat-Tniġġiż biż-Żejt ta' Bastiment Kummerċjali'' tfisser ċertifikat maħruġ mid-Direttur taħt id-disposizzjonijiet rilevanti kif ordnat fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Ċertifikat ta' Sigurtà tal-Bini ta' Bastiment Kummerċjal tal-Merkanzija'' tfisser ċertifikat maħruġ mid-Direttur taħt id-disposizzjonijiet rilevanti kif ordnat fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Ċertifikat ta' Sigurtà tal-Bini ta' Bastiment Kummerċjal tal-Passiġieri'' tfisser ċertifikat maħruġ mid-Direttur taħt id-disposizzjonijiet rilevanti kif ordnat fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Dgħajsa tal-Bdot'' tfisser bastiment, ta' liema daqs ikun, użat jew maħsub li jintuża f'servizzi ta' pilutaġġ;

"Direttur'' tfisser id-Direttur Eżekuttiv responsabbli għall-Portijiet maħtur taħt l-artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, jew xi persuna oħra jew uffiċjal ieħor awtorizzati minnu biex jaġixxu f'ismu; Kap. 352.

"Dokument ta' Persunal Minimu ta' Bastiment Kummerċjali" tfisser ċertifikat maħruġ mid-Direttur taħt id-disposizzjonijiet rilevanti kif ordnat fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Effettiv" tfisser b'riferenza għal xi apparat jew biċċa tagħmir jew materjal, li jkunu itieħdu l-miżuri kollha raġonevoli u prattikabbli biex jiġi żgurat li jkun tajjeb għall-fini li jkun maħsub li jintuża għalih;

"Ekwipaġġ" tfisser persuni impjegati jew li jaħdmu f'kull kapaċità abbord bastiment, minbarra l-Kaptan;

"*Freeboard*" tfisser id-distanza mkejjla vertikalment 'l isfel f'nofs il-bastiment mill-biċċa l-aktar fil-baxx tan-naħa ta' fuq tal-gverta freeboard sal-livell ta' l-ilma f'ilma qiegħed, jew min-naħa ta' fuq tal-gverta san-naħa ta' fuq tal-balla involuta, kif adatt;

"Gverta għat-Temp" tfisser il-gverta prinċipali li tiħalla esposta għall-elementi;

"Inġinier ta' Bastiment Kummerċjali" tfisser persuna li jkollha ċertifikat validu maħruġ mid-Direttur skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Kaptan" tfisser il-Kaptan jew persuna oħra barra l-bdot jew l-għassies, li jkollha l-kmand, kariga jew ġestjoni ta' bastiment f'dak il-waqt;

"Kaptan b'licenza specjali" tfisser persuna liċenzjata li taħdem bħala Kaptan ta' dgħajsa li tinnegozja fl-ibħra interni u dawk territorjali ta' Malta, taħt ir-regolamenti ta' l-1955 dwar Bastimenti li jitħaddmu Mekkanikament (Passiġġieri u Merkanzija) imħassra b'dawn ir-regolamenti; L.S. 10.23.

"Kaptan ta' Bastiment Kummerċjali" tfisser persuna li jkollha ċertifikat validu maħruġ mid-Direttur skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Kodiċi ta' Prattika" tfisser il-Kodiċi ta' Prattika għas-Sigurtà ta' Bastimenti Kummerċjali u emendi sussegwenti maħruġa u ppubblikati mill-Awtorita', li jirregola l-kostruzzjoni, l-makkinarju, t-tagħmir, l-istabbilita', it-tħaddim, il-forniment ta' persunal, ie - ċertifikazzjoni u manteniment ta' bastimenti kummerċjali;

"Konduttur tal-Makni" tfisser persuna li jkollha Liċenza Specjali "A" Baħar l-Ewwel jew it-Tieni Grad, jew Liċenza "B"

Baħar l-Ewwel jew it-Tieni Grad, maħruġa taħt ir-regolamenti ta' l-1955 dwar Bastimenti li jitħaddmu Mekkanikament (Passiġġieri u Merkanzija), imħassra b'dawn ir-regolamenti; L.S. 10.23.

"Konduttur tal-Makna ta' Bastiment Kummerċjali" tfisser persuna li jkollha ċertifikat validu maħruġ mid-Direttur skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi ta' Prattika;

"L-Ibħra Territorjali u Interni'' għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta; Kap. 352.

"Liċenza'' tfisser liċenza maħruġa mid-Direttur lis-sid skond dawn ir-regolamenti;

"Ma jagħmilx ilma'' tfisser li ma jħallix l-ilma jgħaddi minn ebda naħa;

"Membru Generali ta' Bastiment Kummerċjali" tfisser persuna li jkollha ċertifikat validu maħruġ mid-Direttur skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Merkanzija li Tniġġes'' għandha l-istess tifsira bhal dik mogħtija fir-regolamenti ta' l-1996 dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluż, *Terminals* u Faċilitajiet Marittimi u Bunkering; A.L. 1 ta' l-1996.

"Merkanzija Perikoluża'' għandha l-istess tifsira bhal dik mogħtija fir-regolamenti ta' l-1996 dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluż, *Terminals* u Faċilitajiet Marittimi u Bunkering; A.L. 1 ta' l-1996.

"Ministru'' tfisser il-Ministru responsabbli għat-trasport marittimu;

"OMI'' tfisser l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali;

"Passiġġier'' tfisser persuna fuq bastiment kummerċjali ħlief:

(a) il-Kaptan u membri ta' l-ekwipaġġ jew persuna oħra impjegata jew li tkun taħdem f'kull kapaċità abbord bastiment fix-xogħol relattiv;

(b) persuna fuq il-Bastiment jew skond l-obbligazzjoni li tkun fuq il-Kaptan li jġorr nies nawfragati, perikolati, jew persuni oħra, li minħabba xi ċirkustanzi li la l-Kaptan u lanqas is-sid, jekk ikun hemm, ma setgħu jwaqqfu; u

(ċ) tifel li għadu ma għalaqx sena;

"Perit'' tfisser persuna maħtura bħala *Surveyor* ta' Bastimenti skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew persuna hekk maħtura minn Soċjetà ta' Klassifika approvata mill-Awtorità, jew persuna maħtura mill-Awtorità bl-iskop li teżamina u tagħmel surveys fuq bastimenti skond dawn ir-regolamenti; Kap. 234.

"Polza" tfisser polza ta' assigurazzjoni maħruġa minn assiguratur fir-rigward tar-riskji msemmija f'paragrafu 19(3)(k) ta' dawn ir-regolamenti;

"Portijiet'' għandha l-istess tifsira bhal dik mogħtija fl-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta u kull marsa, bajja, daħla, qala, xatt jew ibħra navigabbli; Kap. 352.

"Reġistru" tfisser reġistru ta' liċenzi li jinżamm fid-Direttorat tal-Portijiet skond dawn ir-regolamenti;

"Sekond ta' Bastiment Kummerċjali" tfisser persuna li jkollha ċertifikat validu maħruġ mid-Direttur skond id-disposizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi ta' Prattika;

"Servizz ta' Kwalifika" tfisser il-ħin imniżżel bħala mgħoddi f'servizz fuq bastiment rilevanti għall-ħruġ ta' ċertifikat jew kwalifika oħra, kalkolati u dokumentati bil-kunsens tad-Direttur;

"Sid'' tfisser is-sid reġistrat jew is-sid jew l-operatur ġestjonarju tas-sid reġistrat jew tas-sid jew tas-sid disponenti, jew il-Kaptan tal-bastiment;

"Sigurtà tan-Navigar'' tfisser kull apparat, għodda, il-persunal, strument tan-navigar u l-ħsieb u attenzjoni professjonali tal-Kaptan u ta' l-ekwipaġġ kollu fuq il-bastiment, li għandu x'jaqsam mat-twettiq sigur ta' l-operazzjonijiet, kemm għall-bastiment involut u bastimenti oħra, nies jew proprjetà li jistgħu jiddaħħlu f'dawk l-operazzjonijiet;

"Tul'' sakemm ma jkunx espressament provdut xort'oħra, tfisser 96% tat-tul kollu fuq linja ta' l-ilma b'85% tal-fond l-anqas iffurmat imkejjel minn fuq il-prim, jew it-tul min-naħa ta' wara ta' l-arblu sa' l-assi tat-tmun fuq dik il-linja ta' l-ilma, jekk dan ikun l-akbar. F'bastimenti maħsubin bi prim fil-poppa, l-linja ta' l-ilma fuqhiex jitkejjel dan it-tul għandha tkun parallela mal-linja ta'l-ilma hekk maħsuba;

"Tul kollu'' tfisser it-tul kollu min-naħa ta' quddiem ta' l-istruttura permanenti fissa li qiegħda fuq l-aktar punt fuq in-naħa ta' quddiem, san-naħa ta' wara ta'l-istruttura permanenti tal-punt l-aktar fuq in-naħa ta' wara tal-bastiment;

"Tunnellaġġ Gross" tfisser it-Tunnellaġġ Gross reġistrat fiċ-ċertifikat ta' Reġistru jew it-tunnellaġġ imniżżel fiċ-Ċertifikat ta' Tunnellaġġ ta' bastiment li jkun qed japplika għal ċertifikat taħt dawn ir-regolamenti;

"Vapur" għandu l-istess tifsira mogħtija fl-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta; Kap. 352

Applikazzjoni.

4. Dawn ir-regolamenti u l-Kodiċi ta' Prattika japplikaw għal kull bastiment li jaħdem f'xi kummerċ, negozju jew xogħol fl-ibħra territorjali jew interni jew f'xi port ta' Malta, iżda ma japplikawx għal:

(a) bastiment tad-divertiment;

(b) dgħajsa tas-sajd;

(ċ) vapur miżmum jew imħaddem għal servizz mhux kummerċjali;

(d) bastimenti tal-gwerra jew bastimenti uffiċjali sakemm dawn ma jintużawx għal servizz kummerċjali.

Il-Kodiċi ta' Prattika.

5. (1) L-iskop tal-Kodiċi ta' Prattika hu li jirregola kull aspett tas-sigurtà tal-bastimenti kummerċjali inkluż, iżda mhux limitat għall-bini, l-makkinarju, t-tagħmir, l-istabbilita, it-tħaddim, iċ-ċertifikazzjoni w l-manutenzjoni.

(2) L-Awtorità għandha r-responsabbiltà li tippubblika u tissorvelja l-applikazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika li għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' dawn ir-regolamenti u li għandu jiġi ppubblikat fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

(3) L-Awtorità għandha minn żmien għal żmien temenda l-Kodiċi ta' Prattika bil-ħruġ ta' l-Avviżi relattiv.

(4) Fil-każ ta' kunflitt bejn dawn ir-regolamenti u l-Kodiċi ta' Prattika u l-ħtiġiet preskritti fir-regoli rikonoxxuti ta' Soċjetà ta' Amministrazzjoni jew ta' Klassifika, għandhom jipprevalu dawk ta' l-ewwel.

Użu ta' Bastiment Kummerċjali.

6. L-ebda persuna ma tista' tuża bastiment u l-anqas ma jista' s-sid tiegħu jagħti jew iħalli bastiment minn dawn joħroġ għall-kiri jew bi ħlas fil-portijiet, fl-ibħra interni jew territorjali ta' Malta, sakemm dan ma jkunx iċċertifikat skond il-Kodiċi ta' Prattika.

Meta r-regolamenti japplikaw.

7. Dawn ir-regolamenti japplikaw għal-bastiment kummerċjali meta dan ikun fl-ilma, irmiġġjat jew ankrat:

Iżda jekk dak il-bastiment kummerċjali ikun irmiġġjat jew ankrat, imma ma jintużax regolarment għal kull uzu li għalih ikun iċċertifikat, is-sid tiegħu jrid jottempera ruħu ma' kull rekwiżit li d-Direttur jista' minn żmien għal żmien jistipula rigward dak il-bastiment.

L-ebda persuna ma tista' tagħmilha ta' l-operatur ta' bastiment mingħajr il-kunsens tas-sid.

8. L-ebda persuna awtorizzata mis-sid ta' bastiment li tagħmilha ta' l-operatur tal-bastiment ma tista', ħlief f'każ ta' bżonn, tħalli li persuna oħra tagħmilha ta' operatur tal-bastiment, mingħajr il-kunsens tas-sid tal-bastiment, u l-ebda persuna, ħlief f'każ ta' bżonn, ma tista' tagħmilha ta' operatur ta' bastiment, mingħajr il-kunsens tas-sid ta' dak il-bastiment.

Bastiment Kummerċjali u post ta' Żbark.

9. (1) Bastiment kummerċjali jista' joħroġ għax-xogħol bejn dawk il-postijiet ta' żbark, arei minn rotot, li minn żmien għal żmien jistgħu jiġu stipulati mid-Direttur.

(2) Bastiment kummerċjali ma jistax jitħaddem barra mill-arei assenjati lilu jew jintuża għal skop ieħor ħlief dak preskritt fiċ-Ċertifikat ta' Bastiment Kummerċjali mingħajr il-kunsens tad-Direttur.

(3) Bastiment kummerċjali jista' biss joħroġ għall-kiri jew jirmiġġja fil-postijiet maħtura mill-Awtorità.

Iċ-Ċertifikat ta' Bastiment Kummerċjali għandu jintwera fuq il-bastiment.

10. (1) Is-sid ta' bastiment kummerċjali għandu juri b'mod prominenti ċ-Ċertifikat ta' Bastiment Kummerċjali abbord il-bastiment u fejn dan mhux possibbli, għandu jippreżenta ċ-Ċertifikat lid-Direttur meta jitlobulu.

(2) Fil-każ ta' bastiment kummerċjali li qed iġorr passiġġieri, is-sid irid ukoll juri b'mod prominenti jew jimmarka b'mod ċar u permanenti f'post adekwat, kif adatt, l-akbar numru ta' passiġieri li l-bastiment ikun iċċertifikat li jġorr.

(3) Kull ċeritifkat ieħor maħruġ skond il-Kodiċi ta' Prattika għandu jinzamm abbord il-bastiment.

Liċenza ta' l-Operatur ta' Bastiment Kummerċjali

Liċenza ta' Operatur.

11. (1) L-ebda persuna ma għandha taħdem bħala operatur ta' bastiment kummerċjali ħlief jekk ikollha liċenza valida maħruġa mid-Direttur skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu u skond ma l-pattijiet u l-kundizzjonijiet ikunu jidhrulu xierqa, jagħti dik il-liċenza lil persuna għat-twettiq ta' servizzi stipulati f'dawn ir-regolamenti.

(3) L-Awtorità tista' wkoll tagħmel arranġamenti jew tidħol f'kull ftehim, kif jidhrilha xieraq jew bżonnjuż, ma' persuni għall-iskopijiet tal-funzjonijiet tagħha skond l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta. Kap. 352.

12. Persuna ma tkunx eliġibbli għal liċenza, sakemm ma tkunx is-sid ta'xi bastiment u tkun:- Eliġibbilta għal liċenza operattiva.

(a) fl-opinjoni tad-Direttur ikollha karattru tajjeb, tkun taf ir-regolamenti rilevanti dwar it-trasport u tkun meqjusa kompetenti li tipprovdi dan is-servizz fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta; jew

(b) korp imwaqqaf taħt, u suġġetta għal, il-liġijiet ta' Malta, jew korp barrani b'personalità ġuridika skond il-liġi li taħtha twaqqaf jew ġie kostitwit, u li jissoddisfa d-Direttur li jista' u li se jiżgura l-osservanza xierqa tal-liġijiet u regolamenti dwar it-trasport fl-ibħra interni u territorjali ta' Malta.

13. Liċenza msemmija f'din il-parti tar-regolamenti tista' tingħata wara li tigi ppreżentata applikazzjoni fuq il-formola adatta lid-Direttur, li magħha jkun hemm mehmuża dokumenti u ċ-ċertifikati fiha preskritti. L-għotja ta' liċenza.

14. Id-Direttur jista' fil-waqt ta' ħruġ, jew f'kull żmien wara, jehmeż ma' liċenza kull kundizzjoni jew kundizzjonijiet li jidhrulu xierqa. Kundizzjonijiet.

15. Id-Direttur jista' f'kull waqt u mingħajr ma jagħti raġunijiet għal dan, jissospendi, jħassar, jirrevoka jew jirrifjuta t-tiġdid ta' liċenza mogħtija qabel jew mġedda minnu taħt dawn ir-regolamenti. Thassir ta' liċenza.

16. Kull persuna jew korp magħqud li kellhom il-liċenza tagħhom miżmuma, imħassra jew revokata mid-Direttur taħt dawn ir-regolamenti, għandha, fi żmien 48 siegħa minn din iż-żamma, thassir jew revoka, tagħti l-liċenza tagħha lura lid-Direttur. Ghotja ta' liċenża.

17. Min għandu liċenza taħt dawn ir-regolamenti għandu jhares kull struzzjoni, ordni jew direttiva maħruġa minn żmien għal żmien mid-Direttur. Tharis ta' struzzjonijiet mid-Direttur.

Wiri tal-liċenza.

18. Kull persuna jew korp magħqud li jkollhom liċenza taħt dawn ir-regolamenti għandhom iġorru fuqhom jew juru dik il-liċenza meta jkunu qed jaħdmu fil-kapaċità li jkollhom il-liċenza dwarha u jipproduċuha lil kull uffiċjal awtorizzat mid-Direttur meta dan jitlobha.

Applikazzjoni għal liċenza.

19. (1) Sid ma jkunx eliġibbli għal liċenza taħt dawn ir-regolamenti sakemm ma jottemperax ruħu mar-rekwiżiti kollha stipulati f'dawn ir-regolamenti.

(2) Ma tinħareġ ebda liċenza sakemm il-bastiment ma jkunx rreġistrat kif imiss skond l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta. Kap. 352.

(3) Applikazzjoni għal liċenza għandha tingħata lid-Direttur flimkien ma' kull prova permezz ta' dokumenti jew provi oħra li d-Direttur jidhirlu li għandu jaċċetta, inklużi:

(a) il-Karta ta' l-Identità jew il-Passaport ta' l-applikant jew l-applikanti;

(b) iċ-ċertifikat ta' inkorporazzjoni;

(ċ) kopja tal-Memorandum u Artikoli;

(d) reġistrazzjoni u proprjetà tal-Bastiment;

(e) it-tip ta' bastiment, id-daqs, it-tunnellaġġ, l-ispeċifikazzjonijiet u d-dettalji tal-makna kif iċċertifikati minn Soċjetà Amministrattiva jew ta' Klassifikazzjoni rikonnoxxuta mill-Awtorità, jew minn Perit;

(f) l-iskop maħsub għall-bastiment, l-irmiġġ għal meta ma jkunx għall-kiri jew merfugħ u l-postijiet mitluba għall-irmiġġ jew minn fejn jinkera;

(ġ) Ċertifikat ta' Bastiment Kummerċjali;

(ħ) iċ-ċertifikati rilevanti għat-tip kif meħtieġa mill-Kodiċi ta' Prattika;

(i) jekk il-bastiment ikollu klassi skond Soċjetà ta' Klassifikazzjoni jew mibni skond standards stipulati minn Amministrazzjoni rikonnoxxuta mill-Awtorità:

(i) Ċertifikat ta' approvazzjoni ta' Klassi jew ta' Amministrazzjoni;

(ii) dawk id-dokumenti l-oħra dwar il-kapaċità tal-bastiment kif meħtieġa mill-Kodiċi ta' Prattika;

(j) fejn japplika, provi ta' konformità mal-Konvenzjonijiet u mar-Rakomandazzjonijiet ta' l-OMI li Malta aċċediet għalihom u kull regolament ieħor maħruġ taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, jew xi Att ieħor taħt il-Liġijiet ta' Malta; Kap. 234. Kap. 352.

(k) prova ta' assigurazzjoni valida, li taħtha kull sid jew Kaptan ta' bastiment ikun suffiċjenti assigurat għal ammont li jista' jkollu jħallas minħabba:

(i) f'kull responsabbiltà li jista' jkun hemm għal xi mewt jew xi feriment fiżiku lil xi persuna li joriġinaw mill-bastiment jew minn xi użu tiegħu;

(ii) f'kull responsabbiltà li jista' jkun hemm għal xi telf jew ħsara lil xi propjeta' ta' terza persuna li jorriġinaw mill-użu tal-bastiment;

(iii) l-ispejjeż ta' salvataġġ u t-tneħħija tal-bastiment imgħarraq;

(iv) ħsara minħabba tniġġis u l-ispejjeż għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis ta' ħsara minħabba l-iskargar jew il-ħruġ ta' merkanzija perikoluża jew li tniġġes.

(l) b'zieda mar-rekwiżiti ta' paragrafu (k) ta' dan ir-regolament id-Direttur jista' jeħtieġ ukoll garanzija bankarja għal dak l-ammont u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista' jistipula;

(m) jekk ikun japplika, iċ-ċertifikazzjoni valida rilevanti tal-Kaptan, ta' l-uffiċjali jew ta' l-ekwipaġġ maħruġa taħt dawn ir-regolamenti jew minn Amministrazzjoni rikonnoxxuta mill-Awtorità; u

(n) kull informazzjoni oħra u partikolaritajiet dwar il-bastiment u l-ekwipaġġ proposti bħalma jistgħu jinħtieġu mid-Direttur.

Spezzjon ta' Bastiment.

20. Id-Direttur jista' jitlob lis-sid, li jkun applika għal liċenza jew għal tiġdid bil-quddiem ta' liċenza, li jġib il-bastiment f'xi post,

f'data u f'ħin stabbiliti għal ispezzjon minn perit jew minn persuna oħra maħtura mid-Direttur.

Ħruġ ta' liċenza

21. Id-Direttur jista' jaċċetta jew jirrifjuta li joħroġ liċenza.

Dispensa.

22. Sid ta' bastiment, li qabel id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti kellu liċenza valida u wettaq fil-portijiet, fl-ibħra interni u dawk territorjali ta' Malta l-istess attività kummerċjali li għaliha tenħtieġ liċenza taħt dawn ir-regolamenti, għandu malli tiskadi l-liċenza ta' qabel jew fi żmien sena mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jħares id-disposizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti.

Validità ta' Liċenza.

23. Bla preġudizzju għar-regolamenti 14 u 15 ta' dawn ir-regolamenti, il-liċenza tibqa' valida għal żmien mhux iżjed minn tnax-il xahar u mhux anqas minn sitt xhur mid-data tal-ħruġ tagħha.

Liċenza u reġistru.

24. (1) Liċenza għandu jkollha dawk il-partikolaritajiet li d-Direttur jidħrulu neċessarji għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Id-Direttur għandu jżomm reġistru tal-liċenzi.

Tiġdid ta' liċenzi.

25. (1) Kull detentur ta' liċenza għandu jippreżenta applikazzjoni għat-tiġdid ta' liċenza mill-inqas xahar kalendarju wieħed qabel id-data li tiskadi.

(2) Jekk liċenza mhix se tiġġedded, is-sid tal-bastiment għandu mill-ewwel javża lid-Direttur bil-miktub bir-raġuni għaliex ma jkunx talab it-tiġdid tal-liċenza u x'ikunu l-intenzjonijiet tiegħu fir-rigward tal-bastiment.

(3) Meta liċenza ma tiġġeddidx, id-Direttur jista' jitlob lis-sid ineħħi jew jeħles mill-bastiment tiegħu fiz-żmien u f'dak il-post li jidħirlu d-Direttur u jekk is-sid ma jobdix, id-Direttur jista' jġiegħel it-tneħħija jew il-helsien ta' dak il-bastiment b'riskju u spiża tas-sid.

Liċenza ma tistax tiġi trasferita.

26. Liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti ma tistax tiġi trasferita.

Tibdil ta' proprjetà.

27. (1) Qabel ma jsir xi tibdil fis-sid ta' xi bastiment, ix-xerrej u d-detentur ta' liċenza għandhom, fi żmien wieħed u għoxrin jum qabel dak it-tibdil fil-proprjeta', jagħtu lid-Direttur il-liċenza flimkien ma' applikazzjoni għal liċenza ġdida mix-xerrej.

(2) Għandha tinħareġ liċenza ġdida lis-sid il-ġdid wara li jingħataw dawk il-provi dokumentarji jew provi oħra tat-tibdil imsemmi jew bdil fi proprjetà skond kif ikun jeħtieġ id-Direttur.

(3) Malli d-Direttur joħroġ liċenza ġdida, il-liċenza tas-sid ta' qabel tiġi b'hekk imħassra jew mibdula mid-Direttur.

(4) Meta jmut is-sid jew isir l-istrali tiegħu, il-liċenza maħruġa fir-rigward tiegħu ssir nulla u bla effett u għandha tingħata lura lid-Direttur fi żmien wieħed u għoxrin jum.

Liċenza revokata, sospiża imħassra jew mhux imġedda.

28. Minghajr preġudizzju għar-regolament 15 id-Direttur jista' jirrevoka, jissospendi jew jirrifjuta milli jġedded xi liċenza jekk id-detentur ta' liċenza:

(a) ikun għamel dikjarazzjoni jew xi protesta falza;

(b) ikun ħati li għamel xi ħaġa frawdolenti jew li rrenda ruħu ħati ta' xi delitt fl-użu tal-bastiment kummerċjali jew fit-twettiq ta' xogħlu;

(ċ) ikun kiser jew naqas milli jħares ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, jew ta' xi disposizzjoni leġislattiva rilevanti oħra jew ta' xi ordnijiet tad-Direttur, jew ta' xi pattijiet u kundizzjonijiet tal-liċenza;

(d) ma jkunx, għal żmien sena, wettaq l-attività li dwarha huwa jkollu liċenza.

Is-sid jew il-Kaptan reġistrat.

29. Il-persuni li l-ismijiet tagħhom jidhru fir-reġistru bħala:

(a) is-sid u l-Kaptan;

(b) is-sid; jew

(ċ) il-Kaptan ta' bastiment kummerċjali, għandhom, għall-iskopijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti, jitqiesu li jkunu s-sid u l-Kaptan jew is-sid jew il-Kaptan tal-bastiment rispettivament.

Avviż dwar tibdil fil-partikolaritajiet.

30. (1) Is-sid ta' bastiment kummerċjali għandu javża lid-Direttur b'kull tibdil mitlub, jew jirrapporta kull inċident, li jista' jibdel il-partikolarijiet preskritti b'dawn ir-regolamenti jew bil-Kodiċi ta' Prattika.

(2) Malli jirċievi dik it-talba jew dak ir-rapport, id-Direttur jista' jitlob li ssir l-ispezzjoni tal-bastiment, jew li jittieħdu dawk il-

miżuri l-oħra li jistgħu jkunu meħtieġa biex tinżamm il-validità tal-liċenza u taċ-Ċertifikat ta' Bastiment Kummerċjali.

Endorsjar ta' liċenza u annotazzjoni fir-reġistru.

31. Kull meta jkun hemm xi tibdil approvat fil-partikolaritajiet li jidhru fir-reġistru, dan it-tibdil għandu jiddaħħal fir-reġistru u fejn japplika, jitniżżel fuq il-liċenza jew iċ-ċertifikazzjoni.

Sostituzzjoni.

32. (1) Fil-każ ta' telfien ta' xi liċenza jew ċertifikat, jew li dawn jinqerdu, ma jkunux jinqraw sew jew jintilfu għal dejjem b'xi mod ieħor, id-detentur ta' liċenza għandu japplika mill-ewwel lid-Direttur għal sostituzzjoni.

(2) Meta d-Direttur ikun sodisfatt li liċenza jew ċertifikat ikunu intilfu jew inqerdu jkun jista' joħroġ duplikat tal-liċenza jew ċertifikat, skond il-każ, wara li jkun sar il-ħlas ta'dritt.

Għoti lura tal-liċenza lid-Direttur.

33. Jekk liċenza jew ċertifikat ikunu skadew, jew tħassru, gew revokati jew sospiżi mid-Direttur, is-sid jew id-detentur taċ-ċertifikat, skond il-każ, għandu jagħti dik il-liċenza jew ċertifikat lid-Direttur mill-ewwel. Id-Direttur jista' jordna li l-bastiment jitneħħa jew jiġi meħlus, u jekk is-sid ma jobdix, id-Direttur jista' jġiegħel it-tneħħija jew il-ħelsien ta' dak il-bastiment b'riskju u spiża tas-sid.

Operazzjoni ta' Bastimenti kummerċjali.

Rotot li jiġu stabbiliti.

34. L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien, għall-organizzazzjoni aħjar tas-servizz tat-trasport marittimu, tagħmel dan kollu li ġej jew xi parti minnu:–

(a) tistabbilixxi rotot għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija minn x'imkien f'Malta għal x'imkien ieħor, jew minn ġzira għall- oħra;

(b) taggruppa xi żewġ rotot jew aktar jew ir-rotot kollha;

(ċ) tiddeċiedi liema bastiment għandu jopera fuq rotot bħal dawk;

(d) tagħti s-servizz fuq rotta bħal dik lil xi detentur ta' liċenza;

(e) tvarja, tħassar jew tirrevoka xi rotta bħal dik jew xi grupp ta' rotot jew l-għoti ta' xi servizz fuqhom, u tista' tagħmel hekk b'dawk il-kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' tordna;

(f) fl-għoti ta' xi servizz taħt dan ir-regolament l-Awtorità tista' tagħmel dak is-servizz filwaqt li teskludi li xi detentur ta' liċenza ieħor minn dan l-għoti;

(ġ) tiddeċiedi fuq skeda ta' servizz u t-tariffi jew ħlasijiet għal dawk ir-rotot;

(ħ) tistabbilixxi kundizzjonijiet fuq id-detentur ta' liċenza għat-tħaddim ta' xi rotta;

(i) temenda jew tħassar rotot mogħtija u diġà stabbilit qabel; u

(j) tinvestiga lmenti minn utenti ta' bastimenti kummerċjali.

Tehid lura soġġett għal-ħruġ mill-ġdid ta' liċenzi.

35. Meta servizz fuq xi rotta jingħata lil xi sid skond ir-regolament 34, kull liċenza li jkollhom is-sidien ta' xi bastiment għal xogħol fuq dik ir-rotta għandha tiġi rtirata, sakemm din tista' tiġi maħruġa mill-ġdid fid-diskrezzjoni ta' l-Awtorità, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fir-regolament li jiġi minnufih qabel dan.

Direttivi f'każ ta' emerġenza.

36. L-Awtorità tista', minkejja xi ftehim milħuq skond regolament 34 ta' dawn ir-regolamenti, f'każ ta' emerġenza, jew ta' konkors mhux tas-soltu bejn nies jew merkanzija, tordna li bastimenti kummerċjali oħra, li s-soltu ma joperawx fuq jew li ma jkunux iċċertifikati għal dik ir-rotta, jitħaddmu għal dak iż-żmien u taħt dawk il-kundizzjonijiet li d-Direttur jordna u ma tkun permessa ebda talba għal danni sofferti minħabba f'xi ordni bħal dik li tkun kontra l-kundizzjonijiet li jkun hemm f'xi ftehim bejn l-Awtorità u xi sid ieħor.

Is-sid ma jistax jitlob tariffi oghla minn dik stabbilita.

37. (1) Meta tiġi stabbilita tariffa skond ir-regolament 34, is-sid jew l-operatur ta' tali bastiment ma jistax jitlob tariffa oghla minn dik stabbilita, jew, jekk jiġi miftiehem ammont inqas, iktar minn dak l-ammont.

(2) Is-sid jew l-operatur ta' bastiment mogħti għall-kiri ma jistax iħalli lil xi persuna jew oġġett li jingarru ġo, fuq jew mal-bastiment waqt li dan ikun qed jinkera, minghajr il-kunsens tal-kerrej.

Rekwiżizzjoni mill-Awtorità ta' Bastiment Kummerċjali f'każ ta' waqfien jew sospensjoni tas-servizz.

38. (1) F'każ ta' waqfien jew ta' sospensjoni għal kull raġuni li tkun ta' xi servizz fuq rotta stabbilita jew x'imkien ieħor f'Malta fejn is-soltu jmorru bastimenti kummerċjali, li jista' jaffettwa, jew x'aktarx jolqot il-ħtiġiet raġonevoli ta' l-abitanti ta' Malta għat-trasport, l-Awtorità tista' taqbad u tieħu pusses u tuża, bastiment kummerċjali u għal dak l-għan tawtorizza lil xi membru ta' l-Awtorità jew lil xi uffiċjal pubbliku ieħor jidħol ġo xi stabbilimenti.

(2) Is-sid ta' dak il-bastiment kummerċjali għandu jirċievi dak il-kumpens għal l-użu tiegħu li l-Awtorità tista', qabel jew wara, tistabbilixxi.

(3) Ikun hemm appell mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Dak l-appell jigi introdott b'rikors fi żmien erbat ijiem mid-data tad-deċiżjoni. Ir-rikors jingħata lill-Awtorità li trid tagħti r-risposta tagħha fi żmien erbat ijiem tax-xogħol. L-atti dwar tali appell għandhom jitqiesu konkluzi bir-risposta ta' l-Awtorità, jew bl-iskadenza tat-terminu għal dik ir-risposta.

(4) Kull persuna li tfixkel jew li tagħmel oppożizzjoni lil xi uffiċjal pubbliku fit-teħid ta' xi bastiment kummerċjali, jew li b'xi mod tindaħal jew thajjar lil xi oħrajn li jindaħlu fl-użu ta' xi bastiment rekwiżizzjonat taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux anqas minn Lm500 u mhux aktar minn Lm5,000 jew pringunerija għal żmien mhux aktar minn tlitt xhur.

(5) Jekk persuna minħabba f'xi rekwiżizzjoni taħt dan ir-regolament ma tkunx tista' tadempixxi ruħha ma xi kuntratt, dik il-persuna ma għandhiex titqies li b'daqshekk tkun kisret il-kuntratt, imma dak il-kuntratt jiġi sospiż b' dik ir-rekwiżizzjoni sakemm it-twettiq tiegħu ma jsirx hekk wieħed impossibli.

SIGURTÀ U L-PREVENZJONI TA' TNIĠĠIS

L-awtorità' tad-Direttur mhix abrogata.

39. Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandha tabroga l-awtorità tad-Direttur fil-ħtieġa ta' kontroll fuq is-sigurtà u l-prevenzjoni tat-tniġġis minn xi bastiment kummerċjali f'xi port u l-ibħra territorjali u interni ta' Malta.

Il-prerogattiva tad-Direttur li juża f'emerġenza ta' sew tagħmir sew riżorsi.

40. Id-Direttur jirriserva d-dritt li jingħata kif meħtieġ għal l-iskopijiet ta'immanniġjar ta' xi emerġenza jew inċident bit-tniġġis, aċċess immedjat għall-użu u l-kontroll ta' xi wieħed jew ta' kull tagħmir jew riżorsi għas-sigurtà u tniġġis li għandhom skond dawn ir-regolamenti jinżammu fuq kull bastiment. Dan it-tagħmir jingħata b'xejn, iżda jintuża għar-riskju tad-Direttur u għandhom wara jitħallsu lura kull spejjeż raġonevoli li l-providitur jagħmel għal oġġetti ta' konsum, jew tagħmir bi ħsara.

Tfixkil fil-portijiet u fuq il-molijiet.

41. (1) Salv kif provdut f'xi liġi oħra, ħadd ma jista' jħalli ebda ħaġa f'xi port jew fuq xi moll jew fuq xi post ta' irmiġġ li jista' jfixkel in-navigar ħieles jew jagħlaq il-passaġġ, l-imbark jew l-izbark ta' persuni, merkanzija jew oġġetti oħra, jew iħalli hemmhekk xi bastiment imkisser, abbandunat jew mgħarraq.

(2) Id-Direttur jista' jagħti ordnijiet lill-Kaptani ta' bastimenti sabiex jiġu evitati aċċidenti jew tfixkil għal-navigar ħieles, jew inkonvenjenżi oħra.

Rimi fil-portijiet ta' affarjiet li jagħmlu l-ħsara.

42. (1) L-ebda sid, Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ ma jista' jħalli f'xi port jew fuq xi moll jew post ta' irmiġġ xi ħaġa li tista' tagħmel ħsara lis-saħħa pubblika, jew inkonvenjent, jew inkella jarmi fl-ibħra ta' xi port jew f'xi parti ta' l-ibħra interni jew dawk territorjali ta' Malta xi saborra, skart solidu jew likwidu maħmuġ li jikkaġuna inkonvenjent.

(2) Jekk xi sid jew Kaptan jinstab ħati ta' reat taħt dan ir-regolament, huwa jkun responsabbli għad-danni kollha kaġunati u għall-ispejjeż kollha li joriġinaw mill-fatti tar-reat, u l-qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni magħmula f'kull waqt tal-proċediment imma qabel is-sentenża finali, tordna fl-istess sentenża li l-ħati għandu jagħmel tajjeb u jħallas lill-Awtorità dawk id-danni u l-ispejjeż kollha li tillikwida dik l-qorti, liema ordni tista' tiġi esegwita bl-istess mod bħallikieku tkun ingħatat f'azzjoni ċivili li tkun inbdiet kif imiss mill-Awtorità kontra l-ħati:

Iżda l-ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma għandha tolqot id-dritt ta' terzi li jibdew xi azzjoni ċivili kontra l-ħati għal danni li huma jsofru.

Operazzjoni perikoluża.

43. (1) L-ebda sid jew Kaptan ta' bastiment kummerċjali ma jista' jikkaġuna jew jippermetti li xi bastiment jitħaddem b'mod ta' periklu għall-ħajja tan-nies jew tal-proprjeta' ta' l-oħrajn jew li jista' jagħmel ħsara lill-ambjent tal-baħar.

(2) Ħadd ma jista' jħaddem bastiment b'veloċità għolja jew meta jkun fi stat ta' sokor, jew bi thaddim mhux kif imiss, jew b'aġir deliberat u mhux xieraq, biex jagħmel il-ħsara lill-proprjetà ta' xi persuna oħra.

(3) Fejn tkun saret xi ħsara fil-proprjetà ta' persuni oħra kif hemm qabel imsemmi, il-qorti li ssib is-sid ħati tista' tordna li s-sid tal-bastiment għandu jħallas dik is-somma li l-qorti jkun jidhrilha li tkun ta' kumpens raġonevoli għal dik il-ħsara.

Prevenzjoni ta' Kolliżjoni w navigar tajjeb

44. (1) Il-Kaptan ta' bastiment għandu, jekk jista' b'mod konvenjenti, iħalli bastiment ieħor jgħaddi u jevita li jfixkel l-operatur ta' xi bastiment ieħor.

(2) Il-Kaptani ta' bastimenti kummerċjali għandhom iħarsu r-regolamenti ta' l-1997 dwar il-Prevenżjoni ta' Kolliżjonijiet fit-Tbaħħir A.L. 3 ta' l-1997.

A.L. 4 ta' l-1997. Kap. 234.

Merkantili; u r-regolamenti ta' l-1997 dwar is-Sinjali ta' Periklu, maħruġa taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, li għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ bħallikieku nħarġu f'dawn ir-regolamenti, u għandhom f'kull waqt jieħdu dawk il-prekawzjonijiet tas-soltu fl-attivitajiet ordinarji tal-baħħara, jew skond iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ.

Għajnuna lill-bastimenti fil-periklu.

45. L-ebda bastiment ma għandu, f'każ ta' periklu, jirrifjuta li jgħin lil xi bastiment ieħor li jkun qed jitlob għajnuna.

Numru ta' passiġġieri jew ammont ta' merkanzija li jġorr.

46. Bastiment kummerċjali ma jista' fl-ebda ħin iġorr iktar persuni jew passiġġieri jew merkanzija mill-ammont li jidher fuq iċ-ċertifikat rilevanti maħruġ mid-Direttur skond dawn ir-regolamenti u l-Kodiċi ta' Prattika.

Ġarr ta' passiġġieri.

47. Meta jkun qed iġorr il-passiġġieri, bastiment kummerċjali tal-passiġġieri ma jistax jintuża għal xi skop ieħor, iżda:

(a) Bastiment kummerċjali tal-Passiġġieri jista' jġorr merkanzija jekk dan ikun ħekk iċċertifikat u awtorizzat mid-Direttur għal daqshekk;

(b) tibqa' dejjem ir-responsabbiltà tal-Kaptan li jiżgura li dik il-merkanzija m'hi b'ebda mod ta' ħsara għall-passiġġieri minħabba x-xorta, l-kwantità jew l-istivar tagħha.

Tagħmir u apparat li jridu jiġu pprovduti fuq bastiment kummerċjali.

48. Kull detentur ta' liċenza għandu jiżgura li l-bastiment ikollu abbord fuqu:

(a) l-apparat rilevanti u effettiv għas-salvataġġ tal-ħajja u għat-tifi tan-nar u tagħmir ieħor effettiv stipulat fil-Kodiċi ta' Prattika;

(b) kull provvista sostituttiva jew tip, materjal, apparat jew tagħmir ieħor f'lokhom li d-Direttur jista' jaċċetta bħala għallinqas ta' l-istess effettività bħala alternattiva għal dawk meħtieġa minn dawn ir-regolamenti.

PERSUNAL

Il-Persunal fuq Bastiment Kummerċjali.

49. L-inqas persunal fuq bastiment kummerċjali għas-sigurtà tan-navigar għandu dejjem ikun konformi mal-ħtiġiet tal-Kodiċi ta' Prattika.

Prova taċ-Ċertifikat ta' Kompetenza.

50. Kull Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ għandu jipproduċi ċ-ċertifikat ta' kompetenza tiegħu lid-Direttur meta huwa jitlobulu.

Kwalifikazzjonijiet.

51. Ħadd ma jista' jaħdem ta' Kaptan, jew membru ta' l-ekwipaġġ fuq bastiment sakemm ma jkollux ċertifikat ta' kompetenza maħruġ mid-Direttur, skond ir-rekwiżiti rilevanti stipulati fil-Kodiċi ta' Prattika jew dawk il-kwalifiki l-oħra li jistgħu jkunu rikonnoxxuti mid-Direttur:

Iżda persuna li qabel ma dawn ir-regolamenti daħlu fis-seħħ kellha fil-pussess tagħha liċenza speċjali biex twettaq id-dmirijiet ta' Kaptan jew ta' konduttur tal-makni skond ir-Regolamenti ta' l-1955 dwar Bastimenti li jitħaddmu Mekkanikament (Passiġġieri u Merkanzija), għandha fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, tikseb Ċertifikat ta' Kaptan ta' Bastiment Kummerċjali jew Ċertifikat ta' Konduttur tal-Makni ta' Bastiment Kummerċjali, rispettivament: L.S. 10.23.

Iżda wkoll, persuna li għandha xi kwalifiki oħra għandha, fi żmien sena mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, tikseb il-kwalifiki adatti taħt il-ħtiġiet tal-Kodiċi ta' Prattika:

Iżda wkoll, jekk fil-ħames snin sewwasew qabel ma ssir l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat rilevanti, dik il-persuna ma tkunx ħadmet fl-istess kapaċità fuq bastiment simili għal mill-inqas tnax-il xahar servizz b'kollox, id-Direttur jista' jitolbu biex jagħmel eżami ieħor prattiku, bil-miktub jew orali, qabel ma jitħalla jaħdem fuq bastiment kummerċjali.

Reat mill-Kaptan jew minn membru ta' l-ekwipaġġ.

52. (1) Jekk Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ fl-eżerċizzju ta' dmirijietu jkun kiser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma jkunx obda xi ordni jew direttiva mogħtija mid-Direttur, id-Direttur għandu jagħti avviż lill-ħati li jkun fih deskrizzjoni ġenerali tar-reat u jista':

(a) jissospendi jew jirrevoka ċ-ċertifikat ta' dak il-Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ;

(b) jimponi piena ta' mhux aktar minn Lm1,000 għal kull reat li trid titħallas lid-Direttur fiż-żmien li jiġi stipulat fl-avviż, li fl-ebda każ ma jista' jkun ta' inqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dawn ir-regolamenti ma titħallasx fż-żmien hawn qabel imsemmi, il-proċedimenti tas-soltu għal dak ir-reat jistgħu jittieħdu skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Is-sospensjoni jew ir-revoka ta' ċertifikat jew il-ħlas ta' xi piena imposta taħt dan ir-regolament għandha titqies, għal kull skop u fini tal-liġi, bħala ammissjoni ta' l-għemil tar-reat u ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni oħra għal dak ir-reat.

Validazzjoni mill-gdid ta' kwalifikazzjoni.

53. (1) Ċertifikat ta' kompetenza maħruġ taħt dawn ir-regolamenti jibqa' validu għal żmien ħames snin, sakemm dan jitħassar jew jiġi sospiż skond ir-regolament 52 jew skond xi disposizzjonijiet legali oħra.

(2) Kull ċertifikat ta' kompetenza maħruġ lil Kaptan jew lil xi membru ta' l-ekwipaġġ jibqa' validu biss jekk id-detentur tiegħu jkun ħadem f'dik il-kapaċità permessa miċ-ċertifikat għal mill-inqas tnax-il xahar b'kollox f'kull perijodu konsekuttiv ta' ħames snin li jibdew mid-data ta' ħruġ ta' dak iċ-ċertifikat; jekk din il-ħtieġa ma titwettaqx, id-Direttur jista' jitlob lid-detentur taċ-ċertifikat jagħmel eżami prattiku, bil-miktub jew orali, qabel ma jitħalla jaħdem fuq xi bastiment kummerċjali.

Disposizzjonijiet Mixxellanji

Alterazzjoni f'bastiment kummerċjali.

54. (1) M'hi permessa ebda alterazzjoni li taffettwa t-tunnellaġġ jew id-deskrizzjoni tal-bastiment mingħajr il-permess bil-miktub minn qabel tad-Direttur.

(2) Qabel ma l-bastiment jerga' joħroġ għax-xogħol wara din l-alterazzjoni kif permessa, is-sid irid jippreżenta l-bastiment għall-ispezzjoni f'dak il-ħin u post li jistabbilixxi d-Direttur.

(3) Wara l-ispezzjoni preskritta f'paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, id-Direttur jista' jew japprova l-validità li tkompli għaddejja tà-ċertifikat maħruġ jew jehmeż kundizzjonijiet inqas jew iktar maċ-ċertifikat jew jirrevoka l-liċenza jekk id-Direttur jidħirlu li l-bastiment ma jkunx għadu adatt għall-iskop intiż tiegħu.

L-indafa fuq Bastiment Kummerċjali.

55. Kull bastiment kummerċjali għandu f'kull żmien jinżamm f'kundizzjoni nadifa u sanitarja mis-sid jew mill-Kaptan.

Inċidenti.

56. (1) Is-sid jew il-Kaptan ta' bastiment involut f'inċident fejn ikun hemm min weġġa' jew tilef ħajtu abbord il-bastiment jew x'imkien ieħor, jew f'kolliżjoni ma' bastiment ieħor jew ma' propjetà oħra bi ħsara jew telf għall-bastiment l-ieħor, jew bi ħsara għall-ambjent tal-baħar jew lill-proprjetà oħra, għandu mill-ewwel jagħti rapport verbali ta' dan l-inċident lid-Direttur u fi żmien 24 siegħa mill-inċident, jagħti rapport bil-miktub lid-Direttur bid-dettalji kollha li huwa jista' jitlob.

(2) Fil-każ ta' inċident bħal dak, id-Direttur jista' jispezzjona l-bastiment kummerċjali jew jissospendi jew jirrevoka ċ-ċertifikazzjoni li jkollu.

(3) Mingħajr preġudizzju għal kull regolament ieħor f'dawn ir-regolamenti:

(i) Meta inċident ikun ġie rrapurtat jew osservat jitqies mid-Direttur bħala inċident importanti jew avveniment perikoluż, id-Direttur jista' jaħtar lil xi persuna biex tagħmel inkjesta dwar iċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet possibbli li taw lok għal dan;

(ii) is-sid tal-bastiment kummerċjali għandu jgħin lill-persuna jew persuni f'dik l-inkjesta f'kull aspett rilevanti ta' l-inkjesta;

(iii) malli titlesta l-inkjesta, il-persuna maħtura trid tagħmel rapport tar-riżultanżi tagħha lid-Direttur.

Spezzjonijiet.

57. (1) Id-Direttur għandu jaħtar lil xi persuna biex teżamina, tinvestiga jew tispezzjona bastiment jew xi liċenza jew ċertifikat jew xi dokument rilevanti ieħor.

(2) Id-Direttur jista' f'kull waqt jitlob lis-sid jippreżenta l-bastiment għal spezzjoni.

(3) Kull min jiġi maħtur mid-Direttur biex jaqdi dawk id-dmirijiet kif stabbiliti b'dan ir-regolament ikollu s-setgħa li:

(a) jitla' abbord bastiment mingħajr ebda ostaklu u mingħajr ebda avviż minn qabel kullimkien u f' kull ħin matul il-jum jew bil-lejl;

(b) jitlob l-għajnuna tal-Pulizija fit-twettiq ta' dmirijietu;

(ċ) jeżamina lil kull min ikun involut fl-eżekuzzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(d) jispezzjona kull dokument li għandu jinżamm kif preskritt b' dawn ir-regolamenti;

(e) jordna lis-sid, lill-Kaptan jew lil xi membru ta' l-ekwipaġġ li jissospendi t-tħaddim ta' bastiment.

(4) Kull min ifixkel jew jostakola lil xi persuna maħtura mid-Direttur biex tispezzjona xi bastiment fl-ispezzjoni ta' dak il-bastiment jew ma jkunx irid jobdi d-direttivi li din il-persuna tista' tagħti, jkun ħati ta' reat.

Id-detentur ta' liċenza għandu jagħti kull informazzjoni.

58. Is-sid għandu jagħti meta ħekk jintalab jagħmel kull partikolarità u informazzjoni li jistgħu jintalbu mid-Direttur, inklużi l-partikolaritajiet tal-persuna li kellha l-bastiment f'idejha f'xi okkażjoni.

Ħruġ ta' Direttivi.

59. Id-Direttur jista' joħroġ direttivi lis-sidien u lill-Kaptani ta' bastimenti kummerċjali għall-iskop ta' prevenzjoni ta' inkonvenjenzi, aċċidenti jew impedimenti lis-sigurtà tan-navigar ħieles, is-sigurtà tal-passiġġieri, il-prevenzjoni tat-tniġġis ta' l-ambjent tal-baħar u t-tneħħija ta' skart ġej minn bastimenti minn kuntrattur approvat minn rotot ta' tneħħija ta' skart approvati.

Id-Direttur jista' jissospendi liċenza jew jimponi pieni.

60. (1) Jekk sid jew Kaptan ta' bastiment jonqos milli jħares il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti jew id-direttivi mogħtija mid-Direttur jew il-pattijiet u l-kundizjonijiet tal-licenza, id-Direttur għandu jagħti lil dik il-persuna avviż bid-deskrizzjoni ġenerali tar-reat u jista':

(a) jissospendi jew jirrevoka il-liċenza jew ċertifikat ta' dak il-bastiment u jista' jitlob li s-sid ineħħi dak il-basiment fiż-żmien u f'post li jidhirlu u jekk is-sid ma jobdihx, id-Direttur jista' jordna t-tneħħija tal-bastiment b'riskju u bi spiża tas-sid.

(b) jimponi piena ta' mhux aktar minn Lm1,000 għal kull reat u li għandha titħallas lid-Direttur fiż-żmien stipulat fl-avviż, li qatt ma għandha tkun inqas minn sebat ijiem, jew fil-każijiet fejn piena imposta taħt dan ir-regolament ma tkunx tħallset fiż-żmien stipulat, jistgħu jittieħdu l-proċedimenti tas-soltu għar-reat skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Is-sospensjoni jew ir-revoka tal-liċenza jew taċ-ċertifikat jew il-ħlas ta' piena ordnata taħt dan ir-regolament għandhom għal kull fini tal-ligi, jitqiesu bħala ammissjoni ta' l-għemil tar-reat, u ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni oħra għal dak ir-reat.

Il-prerogattiva tad-Direttur.

61. Minkejja kull ma jinsab f'dawn ir-regolamenti, id-Direttur jista' jeżenta jew jordna kull ħtieġa oħra għal bastiment kummerċjali jew sid, Kaptan jew membru ta' l-ekwipaġġ.

Reati.

62. (1) Kull persuna li tonqos milli tħares il-ħtiġiet stipulati f'dawn ir-regolamenti jew xi kundizzjoni li fuqha tkun inħarġet liċenza jew ċertifikat taħt dawn ir-regolamenti tista' teħel, meta r-reat ikun sar għall-ewwel darba u meta tinsab ħajta multa ta' mhux aktar minn Lm1,000 għal kull reat, u fil-każ ta' reat jew reati kontinwati, multa oħra ta' mhux aktar minn Lm500 għal kull reat għal kull ġurnata jew parti minnha.

(2) Il-qorti tista' wkoll, fil-każ ta' kontravenzjoni li ssir mis-sid jew mill-Kaptan ta' bastiment tordna s-sekwestru tal-bastiment, għal żmien ta' mhux aktar minn tlitt xhur, bi spejjeż tas-sid.

(3) Meta ħati jinsab ħati għat-tieni darba jew iktar drabi ta' xi kontravenzjoni, l-qorti tista' tħassar il-liċenza jew ic-ċertifikat, jew tissospendihom għal xi żmien, fid-diskrezzjoni tagħha.

(4) Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti isir minn korp ta' persuni jew korp magħqud, kull persuna li, fiż-żmien ta' l-għemil tar-reat kienet direttur, manager jew uffiċjal ieħor bħal dawn ta' dak il-korp ta' persuni jew korp magħqud, jew li kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kapacità, tkun ħatja ta' dak ir-reat sakemm ma ġġibx prova li r-reat sar bla ma kienet taf u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha dovuta biex tipprevjeni l-għemil tar-reat.

Responsabbiltà ta' l-Awtorità.

63. Ir-responsabbiltà għat-tħaris ta' dawn ir-regolamenti u provedimenti leġislattivi oħra taqa' biss fuq is-sid u l-Kaptan tal-bastiment. L-Awtorità ma għandhiex tinżamm responsabbli għal konsegwenzi li joriġinaw minn attijiet ta' ommissjoni jew ta' għemil għar-rigward ta' xi ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti.

Proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

64. Proċedimenti għal reat kontra dawn ir-regolamenti jittieħdu fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, u jimxu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

Arranġamenti transitorji.

65. Id-Direttur jista' jistabbilixxi arranġamenti transitorji għall-għemil ta' arranġamenti dwar affarijiet tekniċi relattivi għall-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti.

Drittijiet u setgħat.

66. Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti ma tabroga jew tippreġudika xi dritt jew setgħat mogħtija lill-Awtorità.

Ir-regolamenti ma jneħħu xejn minn dispożizzjonijiet leġislattivi oħra.

67. Id-disposizzjonijiet f'dawn ir-regolamenti huma b'żjieda ma' u ma jneħħu xejn mid-disposizzjonijiet ta' xi regolamenti oħra fis-seħħ, jew ta' xi liġi ta' Malta.

Drittijiet.

68. Id-drittijiet li jitħallsu għal-liċenzi ta' operatur ta' bastiment kummerċjali u għaċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjonijiet maħruġa taħt dawn ir-regolamenti jiġu stabbiliti, minn żmien għal żmien, mill-Awtorità.

Thassir ta' G.N. 704 ta' 1-1955 (L.S. 10.23).

69. Ir-regolamenti ta' l-1955 dwar Bastimenti li jitħaddmu Mekkanikament (Passiġġieri u Merkanzija) qegħdin jiġu b'dan imħassra.